MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 915/2003

**John u Mary Rose konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi**

**Vs**

**Carmelo Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-9 ta’ Settembru, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettew illi fl-24 ta’ Lulju, 2001 waqt li l-atturi *Mary Rose* u *Amanda Mizzi* kienu ghaddejjin bil-vettura numru ta’ registrazzjoni *JAL 718* li hi proprjeta’ ta’ l-atturi *John* u *Mary Rose* konjugi *Mizzi,* fi *Triq Sant’Andrija, Naxxar, Madliena,* huma kienu nvoluti f’incident stradali meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni *KBA 565* u li kien gej

mid-direzzjoni opposta, qasam il-linji bojod kontinwi u habat fil-vettura taghhom li kienet misjuqa minn *Amanda Mizzi* u baqa' sejjer, u dan skond ma jirrizulta mir-*'road accident report'* u l-iskizz li qed jigu annessi u mmarkati bhala Dok A.

Ippremettew minbarra l-hsarat li gew kagunati fil-vettura numru ta' registrazzjoni *JAL 718,* l-istess *Mary Rose Mizzi* u bintha *Amanda* sofrew danni ingenti fuq il-persuna taghhom b'rizultat ta' dan l-incident, kif jirrizulta ahjar miz-zewg rapporti medici hawn annessi u mmarkati "Dok. B" u "Dok. C".

Ippremettew illi dan l-incident stradali sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperitia u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *da parti* tal-konvenut, u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ippremettew illi l-konvenut gie nterpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofrew l-atturi izda baqa' inadempjenti.

Talbet lill-konvenut sabiex jghid lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali li fih sfaw korruti l-atturi *Mary Rose* u bintha *Amanda Mizzi* fl-24 ta' Lulju, 2001.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba dan l-incident u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficcjali tas-7 ta' Settembru, 2001 u ta' l-4 ta' Settembru, 2003, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali li qed tigi pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi;

Rat li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, baqa’ ma pprezentax nota tal-eccezzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 10 ta’ Mejju, 2004, li in forza tieghu talab li jkun awtorizzat jipprezenta in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu;

Semghet il-provi fuq din it-talba tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza kienet differita ghal lum ghas-sentenza fuq it-talba tal-konvenut li jiggustifika l-kontumacia tieghu;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna kollizzjoni stradali li sehhet fl-24 ta’ Lulju, 2001, fi *Triq Sant’Andrija, Madliena, Naxxar.* L-atturi *Mary Rose* u *Amanda Mizzi* kienu ghaddejjin bil-vettura numru *JAL 718* isuqu mid-direzzjoni tal-*Qawra* lejn *St. Andrews;* huma kienu qed isuqu fuq in-naha taghhom tat-triq. Il-konvenut kien qed isuq il-vettura numru *KBA 565* u kien gej mid-direzzjoni opposta meta, f’hin minnhom, qabez il-linja tan-nofs, dahal fil-*lane* l-ohra u laqghet il-vettura tal-atturi fuq il-genb lemini taghha, in-naha ta’ wara.

Il-konvenut, li ma pprezentax nota tal-eccezzjonijiet qed jitlob, fl-ewwel lok, li jkun awtorizzat jiggustifika l-kontumacia tieghu. Ghar-rigward tan-notifika tal-konvenut, jirrizulta li kienu saru hames tentattivi ta’ notifika bil-purtier, izda f’kull kaz, ir-riferta kienet wahda negattiva. Peress li kien jirrizulta li l-konvenut, ghalkemm ma kienx jirrizulta li hu kien barra minn Malta, ma setax jigi lokalizzat ghal fini tan-notifika, b’digriet tal-15 ta’ Ottubru, 2003, din il-Qorti awtorizzat li n-notifikat issir *ai termini* tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. *A tenur* ta’

dan l-artikolu n-notifika kellha ssir billi titwahhal kopja tat-atti fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficcjali, u billi dak l-att jinhareg fil-qosor fil-*Gazzetta tal-Gvern* u f'gurnal ta' kuljum wiehed.  Jinghad ukoll li, meta jkun possibli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-att tac-citazzjoni twahlet fl-*Ghassa tal-Pulizija* u fil-*Kunsill Lokali ta' Birkirkara* (bhala l-postijiet fejn soltu jitwahlu atti ufficcjali) u dana fis-17 ta' Dicembru, 2003.  Estratt tal-att gie ppubblikat fil-*Gazzetta tal-Gvern* tal-20 ta' Jannar, 2004, u f'gurnal lokali (*"L-Orrizzont")* tal-24 ta' Jannar, 2004.  Peress illi mir-*"Road Accident Report"* mahrug mill-*Pulizija* li nvestiga l-incident, jirrizulta li l-konvenut, li ghandu Karta ta' l-Identita ta' numru 352866(M), huwa registrat li joqghod *19, Sqaq il-Gharghar, Birkirkara,* l-atturi talbu wkoll li kopja tac-citazzjoni titwahhal mal-bieb ta' dik ir-residenza.  Hekk jirrizulta li sar fis-17 ta' Dicembru, 2003, mir-referta tal-Marixall ta' dawn il-Qrati.

*A tenur* tal-imsemmi artikolu 187(3), f'dawn ic-cirkustanzi, in-notifika titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar data meta tkun giet ppubblikata; f'dan il-kaz, in-notifika allura saret fit-28 ta' Jannar, 2004, u sa zmien 20 jum minn dik id-data, il-konvenut baqa' ma ressaq ebda nota ta' l-eccezzjonijiet.

Il-konvenut mhux qed jikkontesta l-validita' tad-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ottubru, 2003, li in forza tieghu awtorizzat in-notifika *ai termini* tal-artikolu 187(3), izda qed jghid li n-notifika ma saretx tajjeb ghax l-att ma twahhalx mal-bieb tar-residenza tieghu, izda jghid li hu *"sab karta taht il-bieb tad-dar tieghu".*  Hu jghid li sab din il-karta fit-23 ta' April, 2004.

Il-Qorti semghet lil Marixall *Victor Agius*, li ha hsieb l-affissjoni tal-att mal-bieb tar-residenza tal-konvenut, u hi konvinta li dan ipproceda skond il-ligi billi wahhal kopja tal-att mal-bieb tad-dar tal-konvenut.  Hu spjega li segwa l-procedura billi wahhal bit-*tape* kopja tal-att mal-bieb.  Il-Qorti taccetta x-xhieda tieghu, u meta tqies li l-konvenut

jghid li sab il-karta mal-art aktar minn erba xhur wara l-affissjoni tal-att tac-citazzjoni, ma hux eskluz li, dak inhar li sehhet l-affissjoni, dak l-att gie fil-fatt imwahhal kif trid il-ligi. Il-Qorti hija perswaza li n-notifika tal-att tac-citazzjoni saret *a tenur* u kif titlob il-ligi, u *kwindi,* la darba il-konvenut ma ipprezentax nota tal-eccezzjonijiet fit-terminu impost bil-ligi, il-konvenut ghandu jitqies li hu kontumaci. Jirrizulta mir-rikors tal-konvenut stess, li hu gie avzat bid-data ta’ l-ewwel smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-vertenza billi tichad it-talba tal-konvenut biex ikun awtorizzat jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet, bl-ispejjez kontra tieghu, u tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------